



Brussell, 11 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11012/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0118(COD)**

**CODEC 1091
PECHE 254
CADREFIN 121
RELEX 943
COEST 526**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jittaffew il-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-attivitajiet tas-sajd u biex jiġu mitigati l-effetti tat-tfixkil fis-suq ikkawżat minn dik il-gwerra ta' aggressjoni fuq il-katina tal-provvista ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-13 ta' April 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 43(2) u 175 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Mejju 2022².
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

¹ 8187/22.

² Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

4. Fis-6 ta' Lulju 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil milħuq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 31/22, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.
6. Id-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni għall-minuti tal-laqqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 1 għal din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ 10936/22.